



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

**2012/0337(COD)**

26.3.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar  
Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020  
"Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna"  
(COM(2012)0710 – C7-0392/2012 – 2012/0337(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Daciana Octavia Sârbu

PA\_Legapp

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

*Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna*

B'din il-proposta leġiżlattiva l-Kummissjoni Ewropea għandha l-intenzjoni li għall-perjodu mill-2013 sal-2020 tistabbilixxi s-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali minn mindu għe stabbilit l-ewwel wieħed fl-1973. Peress li s-6 Programm ta' Azzjoni Ambjentali kien se jiskadi f'Lulju 2012, il-Parlament Ewropew fir-risoluzzjoni<sup>1</sup> tiegħu tal-20 ta' April 2012 ħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta malajr kemm jista' jkun programm ta' segwitu sabiex jagħmel possibbli tranżizzjoni lejn futur sostenibbli, jiżgura l-kontinwità u jevita kwalunkwe lakuni. Bir-risoluzzjoni tiegħu l-Parlament stieden lill-Kummissjoni tibbaża l-proposta futura tagħha fuq dawn it-tliet prijoritajiet li ġejjin: l-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni ambjenatali, l-integrazzjoni tal-objettivi ambjentali fil-politiki settorali kollha u d-dimensjoni internazzjonali tal-protezzjoni ambjentali.

F'Novembru 2012, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz tagħha għal deċiżjoni dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni l-isem "*Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna*". Bħal fil-programmi preċedenti, is-7 EAP propost jimmira li jifforma qafas fuq kull aspekk għall-miżuri, il-pjanijiet direzzjonali u l-leġiżlazzjoni ambjentali differenti li ġew ippubbliki riċentement mill-Kummissjoni. Hu maħsub li l-miri eżistenti kollha relatati mal-ambjent għall-2020 għall-oqsma differenti ta' politika jkun inklużi u eżaminati flimkien ma' xulxin. Barra minn hekk, il-proposta preżenti għal EAP tippreżenta perspettiva fit-tul billi tipprovdvi viżjoni għall-2050. L-EAP il-ġdid għandu l-għan li jsaħħaħ il-kontribut tal-politika ambjentali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u b'livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' karbonju li fiha l-kapital naturali huwa protett u mtejjeb, u li jitħarsu s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini.

Il-Kummissjoni Ewropea fl-Annes tal-abbozz tispeċifika firxa ta' *disa' għanijiet prijoritarji* li għandhom jintlaħqu mill-UE u mill-Istati Membri tagħha.

1. li tipproteġi, tikkonserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni;
2. li l-Unjoni ssir ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva, b'livelli baxxi ta' karbonju;
3. li ċ-ċittadini tal-Unjoni jitħarsu minn pressjonijiet relatati mal-ambjent u r-riskji għas-saħħa u l-benesseri;
4. li jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni;
5. li tittejjeb il-bażi ta' evidenza għall-politika ambjentali;
6. li jiġi assigurat l-investment għall-politika ambjentali u dik dwar l-klima u jiġu stabbiliti l-prezzijiet korretti;
7. li tittejjeb l-integrazzjoni ambjentali u l-koerenza tal-politika;
8. li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-ibliet tal-Unjoni;
9. li tizzied l-effettività tal-Unjoni fl-indirizzar tal-isfidi ambjentali globali u reġjonali.

*Sfidi ambjentali għas-settur agrikolu*

---

<sup>1</sup> P7\_TA-PROV(2012)0147: Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' April 2012 dwar ir-rieżami tas-6 Programm ta' Azzjoni Ambjentali u l-istabbiliment tal-prijoritajiet għas-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali - Ambjent aħjar għall-ħajja aħjar 2011/2194(INI).

Is-settur agrikolu qed iħabbat wiċċu ma' pressjonijiet sinifikanti fil-kuntest tat-talba dinjija li dejjem qed tiżdied għall-ikel, ir-riżorsi limitati, il-ħtieġa għal miżuri ta' protezzjoni ambjentali u l-isfidi għall-produzzjoni tal-ikel li jippreżenta t-tibdil fil-klima.

L-agrikultura tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra imma flimkien mal-foresti għandha potenzjal sinifikanti biex ittaffi l-effetti tat-tibdil fil-klima permezz tal-assorbiment u tal-ħżin tal-karbonju. Ir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu wkoll ikollhom rwol prinċipali fit-taffija tal-effetti tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, pereżempju billi jnaqqsu l-emissjonijiet mill-agrikultura u jtejbu r-reżistenza tal-uċuħ tar-raba' għall-effetti tat-tibdil fil-klima.

L-effiċjenza tar-riżorsi fil-produzzjoni tal-ikel se tkun element ewlieni biex jiġu ffaċċjati l-isfidi kurrenti u futuri fid-dawl tar-riżorsi naturali limitati. Skont l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikultura, il-popolazzjoni dinjija se tikber b'terz sal-2050. Flimkien ma' tendenzi modifikati tal-konsum, dan se jżid id-domanda għall-ikel b'70 %. Għalhekk, huwa kruċjali li l-agrikultura Ewropea tilħaq l-aħjar livelli possibbli ta' sostenibilità u effiċjenza tar-riżorsi.

Hu wkoll importanti li wieħed jiftakar li r-rimi tal-ikel fil-livell dinji żdied b'50 % mill-1974 u hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jiġi indirizzat il-ħela tal-ikel fil-katina tal-ikel.

Il-proposta leġiżlattiva għar-riforma tal-PAK tfittex li torbot il-pagamenti diretti mal-forniment ta' beni pubbliċi u li tirriżerva l-fondi mill-FAEŻR għal miżuri agroambjentali. L-effett intiż ta' dan huwa li jiġu promossi Prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-ambjent bħad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', il-protezzjoni ta' bwar permanenti u l-istabbiliment u ż-żamma ta' żoni ta' art għall-biedja u ta' foresti ekoloġikament importanti.

L-Unjoni teħtieġ tiżviluppa reazzjoni komprensiva għat-tibdil fil-klima sabiex iżżomm ir-reżistenza u l-kompetittività tal-agrikultura Ewropea sabiex din tkun tista' tkompli jkollha r-rwol tagħha bħala fornitur ta' ikel u servizzi ambjentali ta' kwalità għolja, bħall-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali tal-UE.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1  
**Proposta għal deċiżjoni**

### **Anness – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija tnaqqsu **b'mod konsiderevoli** f'dawn l-aħħar għexieren ta'

*Emenda*

2. L-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija tnaqqsu f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, kif naqsu wkoll l-

snin, kif naqsu wkoll l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) f'dawn l-aħħar snin. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi ġiet modernizzata u ġiet ristrett l-użu ta' ħafna sustanzi tossiċi jew perikolużi bħal ċomb, kadmju u merkurju fi prodotti li jinsabu fil-biċċa kbira tad-djar. Iċ-ċittadini tal-UE jibbenefikaw minn kwalità ta' ilma li hija fosta l-aqwa fid-dinja, u aktar minn 18 % tat-territorju tal-UE u 4% tal-ibħra tagħha ngħataw id-deżinjazzjoni ta' żoni ta' protezzjoni tan-natura.

## **Emenda 2**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness – paragrafu 5**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Madankollu, ħafna xejriet ambjentali fl-UE jibqgħu preokkupanti, mhux l-inqas minħabba l-implimentazzjoni insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni ambjentali eżistenti tal-UE. 17 % biss tal-ispeċijiet u l-ħabitats *vvalutati* skont id-Direttiva dwar il-ħabitats jinsabu fi stat tajjeb, **u d-degradazzjoni u telf tal-kapital naturali qed jipperikolaw l-isforzi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE għall-bijodiversità u għat-tibdil fil-klima. Dan għandu spejjeż assoċjati għoljin li għadhom ma ġewx iwwalutati kif suppost fis-sistema ekonomika jew soċjali tagħna.** Tletin fil-mija tat-territorju tal-UE huwa fframmentat ħafna, li jaffettwa l-konnettività u s-saħħa tal-ekosistemi u l-abbiltà tagħhom li jipprovdu servizzi kif ukoll ħabitats vijabbli għall-ispeċijiet. Għalkemm diġà sar progress fl-UE biex it-tkabbir jiġi diżakkoppjat mill-emissjonijiet tal-GHG, mill-użu tar-riżorsi u mill-impatti ambjentali, l-użu tar-riżorsi għadu fil-biċċa l-kbira insostenibbli u ineffiċjenti, u għad hemm ħafna xi jsir fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart. Bħala riżultat, in-negozji tal-UE mhux qed jibbenefikaw mill-

emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) f'dawn l-aħħar snin. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi ġiet modernizzata u ġiet ristrett l-użu ta' ħafna sustanzi tossiċi jew perikolużi bħal ċomb, kadmju u merkurju fi prodotti li jinsabu fil-biċċa kbira tad-djar. Iċ-ċittadini tal-UE jibbenefikaw minn kwalità ta' ilma li hija fosta l-aqwa fid-dinja, u aktar minn 18 % tat-territorju tal-UE u 4% tal-ibħra tagħha ngħataw id-deżinjazzjoni ta' żoni ta' protezzjoni tan-natura.

##### *Emenda*

5. Madankollu, ħafna xejriet ambjentali fl-UE jibqgħu preokkupanti, mhux l-inqas minħabba l-implimentazzjoni insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni ambjentali eżistenti tal-UE. 17 % biss tal-ispeċijiet u l-ħabitats *ivvalutati* skont id-Direttiva dwar il-ħabitats jinsabu fi stat tajjeb. Tletin fil-mija tat-territorju tal-UE huwa fframmentat ħafna, li jaffettwa l-konnettività u s-saħħa tal-ekosistemi u l-abbiltà tagħhom li jipprovdu servizzi kif ukoll ħabitats vijabbli għall-ispeċijiet. Għalkemm diġà sar progress fl-UE biex it-tkabbir jiġi diżakkoppjat mill-emissjonijiet tal-GHG, mill-użu tar-riżorsi u mill-impatti ambjentali, l-użu tar-riżorsi għadu fil-biċċa l-kbira insostenibbli u ineffiċjenti, u għad hemm ħafna xi jsir fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart. Bħala riżultat, in-negozji tal-UE mhux qed jibbenefikaw mill-opportunitajiet sinifikanti li toffri l-effiċjenza fir-riżorsi mil-lat tal-kompetittività, tat-tnaqqis fl-ispejjeż, tal-produttività mtejjba, u tas-sigurtà tal-provvista. Il-kwalità tal-ilma u l-livelli tat-tniġġis tal-arja għadhom problematiċi f'ħafna partijiet tal-Ewropa, u ċ-ċittadini

opportunitajiet sinifikanti li toffri l-effiċjenza fir-riżorsi mil-lat tal-kompetittività, tat-tnaqqis fl-ispejjeż, tal-produttività mtejba, u tas-sigurtà tal-provvista. Il-kwalità tal-ilma u l-livelli tat-tniġġis tal-arja għadhom problematiċi f'ħafna partijiet tal-Ewropa, u ċ-ċittadini tal-UE għadhom esposti għal sustanzi perikolużi, li potenzjalment jipperikolaw saħħithom u l-benesseri tagħhom. L-użu insostenibbli tal-art qiegħed inaqqas il-ħamrija fertili, u dan iħalli impatti fuq is-sigurtà tal-ikel u fuq il-kisba tal-miri tal-bijodiversità. Id-degradazzjoni tal-ħamrija, fil-biċċa l-kbira, tibqa' mhux ikkontrollata.

tal-UE għadhom esposti għal sustanzi perikolużi, li potenzjalment jipperikolaw saħħithom u l-benesseri tagħhom. L-użu insostenibbli tal-art qiegħed inaqqas il-ħamrija fertili, u dan iħalli impatti fuq is-sigurtà tal-ikel u fuq il-kisba tal-miri tal-bijodiversità. Id-degradazzjoni tal-ħamrija, fil-biċċa l-kbira, tibqa' mhux ikkontrollata.

### **Emenda 3** **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness – paragrafu 9**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. Biex ngħixu tajjeb fil-futur, għandha tittieħed azzjoni urġenti, ikkoordinata issa biex intejbu r-reżistenza ekoloġika u nimmassimizzaw il-benefiċċji li l-politika ambjentali tista' ttiprovdi għall-ekonomija u s-soċjetà, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti ekoloġiċi tal-pjaneta. Dan il-programm jirrifletti l-impenn tal-UE li ***titransforma ruħha f'ekonomija ekoloġika inklussiva*** li tiżgura t-***tkabbir*** u l-iżvilupp, tħares is-saħħa u l-benesseri tal-bniedem, ttiprovdi impjiegi diċenti, tnaqqas l-inugwaljanzi u tinvesti fil-kapital naturali u tippreservah.

##### *Emenda*

9. Biex ngħixu tajjeb fil-futur, għandha tittieħed azzjoni urġenti, ikkoordinata issa biex intejbu r-reżistenza ekoloġika u nimmassimizzaw il-benefiċċji li l-politika ambjentali tista' ttiprovdi għall-ekonomija u s-soċjetà, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti ekoloġiċi tal-pjaneta. Dan il-programm jirrifletti l-impenn tal-UE, ***bħala attur globali li l-azzjoni tagħha għandhom impatt globali, li taħdem internazzjonalment biex tippromwovi tranżizzjoni għal*** ekonomija ekoloġika ***inklużiva*** li tiżgura t-***tkabbir*** u l-iżvilupp, tħares is-saħħa u l-benesseri tal-bniedem ***u l-kwalità tal-ikel (mil-lat tal-iġjene, il-valur nutrittiv u l-propertajiet organolettiċi)***, ttiprovdi impjiegi diċenti, tnaqqas l-inugwaljanzi u tinvesti fil-kapital naturali u tippreservah.

## Emenda 4 Proposta għal deċiżjoni

### Anness – paragrafu 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

11. Din it-trasformazzjoni tesiġi l-integrazzjoni sħiħa ta' kwistjonijiet ambjentali f'politiki oħra, bħall-enerġija, it-trasport, l-agrikoltura, is-sajd, l-ekonomija u l-industrija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, ix-xogħol u l-politika soċjali sabiex toħloq approċċ koerenti u kkoordinat. L-azzjoni fi ħdan l-UE għandha tiġi kkomplementata wkoll minn azzjoni globali u kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi ġirien sabiex jiġu indirizzati sfidi komuni.

## Emenda 5 Proposta għal deċiżjoni

### Anness – paragrafu 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

16. Il-prosperità ekonomika u l-benesseri tal-UE huma msejsa fuq il-kapital naturali tagħha, li jinkludi l-ekosistemi li jipprovdu oġġetti u servizzi essenzjali, minn ħamrija fertili u foresti multifunzjonali *sa art u ibħra* produttivi, minn ilma ħelu u arja nadifa sad-dakkir, il-kontroll tal-ġhargħar u r-regolazzjoni tal-klima u l-protezzjoni kontra d-diżastri naturali. Ġabra sostanzjali ta' leġislazzjoni tal-UE għandha l-għan li ttiproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali, u tinkludi d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma (WFD), id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima (MSFD), id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja u dawk relatati u d-Direttivi dwar il-Ħabitats u l-Għasafar. Il-leġislazzjoni li tindirizza t-tibdil fil-klima, is-sustanzi kimiċi, l-

#### *Emenda*

11. Din it-trasformazzjoni tesiġi l-integrazzjoni sħiħa ta' kwistjonijiet ambjentali f'politiki oħra, bħall-enerġija, it-trasport, l-agrikoltura, is-sajd, **il-kummerċ internazzjonali**, l-ekonomija u l-industrija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, ix-xogħol u l-politika soċjali **u l-politika fiskali (l-introjt ambjentali)** sabiex toħloq approċċ koerenti u kkoordinat. L-azzjoni fi ħdan l-UE għandha tiġi kkomplementata wkoll minn azzjoni globali u kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi ġirien sabiex jiġu indirizzati sfidi komuni.

#### *Emenda*

16. Il-prosperità ekonomika u l-benesseri tal-UE huma msejsa fuq il-kapital naturali tagħha, li jinkludi l-ekosistemi **naturali jew sfruttati għal finijiet agrikoli** li jipprovdu oġġetti u servizzi essenzjali, minn ħamrija fertili u foresti multifunzjonali **u artijiet multifunzjonali** produttivi **fir-reġjuni kollha sal-ibħra**, minn ilma ħelu u arja nadifa sad-dakkir, il-kontroll tal-ġhargħar u r-regolazzjoni tal-klima u l-protezzjoni kontra d-diżastri naturali. Ġabra sostanzjali ta' leġislazzjoni tal-UE għandha l-għan li ttiproteġi, tippreserva u ssaħħaħ il-kapital naturali, u tinkludi d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma (WFD), id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima (MSFD), id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja u dawk relatati u d-Direttivi dwar il-Ħabitats u l-

emissjonijiet industrijali u l-iskart itaffu l-pressjonijiet fuq il-bijodiversità, inklużi l-ekosistemi, l-ispeċijiet u l-ħabitats.

Għasafar. Il-leġiżlazzjoni li tindirizza t-tibdil fil-klima, is-sustanzi kimiċi, l-emissjonijiet industrijali u l-iskart itaffu l-pressjonijiet fuq il-bijodiversità, inklużi l-ekosistemi, l-ispeċijiet u l-ħabitats.

## Emenda 6

### Proposta għal deċiżjoni Anness – paragrafu 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

18. Minkejja l-isforzi konsiderevoli li saru sal-lum, ir-reqwizit skont il-WFD biex jinkiseb 'status ekoloġiku tajjeb' sal-2015 x'aktarx li se jintlaħaq biss għal madwar 53 % tal-massa tal-ilma tal-wiċċ fl-UE. Hemm ukoll ir-riskju li l-mira tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima li jinkiseb 'status ambjentali tajjeb' sal-2020 tista' ma tintlaħaqx, inter alia minħabba sajd żejjed kontinwu u l-preżenza ta' skart fl-ibħra tal-Ewropa. Filwaqt li l-politiki tal-UE dwar l-arja u dwar l-emissjonijiet industrijali għenu biex inaqqsu ħafna forom ta' tniġġis, l-ekosistemi għadhom ibatu minn depożiti eċċessivi ta' nitroġenu u minn tniġġis tal-ożonu assoċjati mal-emissjonijiet mit-trasport, mill-agrikoltura *intensiva* u mill-ġenerazzjoni tal-enerġija.

#### *Emenda*

18. Minkejja l-isforzi konsiderevoli li saru sal-lum, ir-reqwizit skont il-WFD biex jinkiseb 'status ekoloġiku tajjeb' sal-2015 x'aktarx li se jintlaħaq biss għal madwar 53 % tal-massa tal-ilma tal-wiċċ fl-UE. Hemm ukoll ir-riskju li l-mira tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima li jinkiseb 'status ambjentali tajjeb' sal-2020 tista' ma tintlaħaqx, inter alia minħabba sajd żejjed kontinwu u l-preżenza ta' skart fl-ibħra tal-Ewropa. Filwaqt li l-politiki tal-UE dwar l-arja u dwar l-emissjonijiet industrijali għenu biex inaqqsu ħafna forom ta' tniġġis, l-ekosistemi għadhom ibatu minn depożiti eċċessivi ta' nitroġenu u minn tniġġis tal-ożonu assoċjati mal-emissjonijiet mit-trasport, mill-agrikoltura *mhux sostenibbli* u mill-ġenerazzjoni tal-enerġija.

## Emenda 7

### Proposta għal deċiżjoni Anness – paragrafu 19

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

19. Il-protezzjoni, il-konservazzjoni u t-

#### *Emenda*

19. Il-protezzjoni, il-konservazzjoni u t-



tishiĥ tal-kapital naturali tal-UE għalhekk jesigū wkoll indirizzar tal-problemi mis-sors permezz, inter alia, ta' integrazzjoni aħjar tal-għanijiet għall-kapital naturali f'politiki oħra, l-iżgurar li l-politiki jkunu koerenti u li jiġu pprovduti l-kobenefiċċji. L-elementi ekoloġiċi stabbiliti fil-proposti ta' riforma ***tal-Kummissjoni***, partikolarment għall-politika tal-UE dwar l-agrikoltura, is-sajd u l-koeżjoni, appoġġati mill-proposti għal approċċ aktar ekoloġiku għall-baġit tal-UE skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 (QFP) ***huma mfassla biex jappoġġaw dawn l-għanijiet. Pereżempju***, l-ekosistemi akkwatiċi f'żoni rurali għandhom jibbenefikaw ***mir-rabta tal-pagamenti lill-impriżi agrikoli mal-konformità mar-rekwiżiti rilevanti*** tal-WFD kif stabbilit fil-proposti tal-Kummissjoni għar-riforma tal-PAK. PAK iktar ekoloġika se tippromwovi wkoll ***il-prattiki*** agrikoli ta' benefiċċju għall-ambjent ***tad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba'***, ***il-protezzjoni ta' bwar permanenti***, u ***l-istabiliment u ż-żamma ta' żoni ta' art għall-biedja u ta' foresti ekoloġikament importanti***.

tishiĥ tal-kapital naturali tal-UE għalhekk jesigū wkoll indirizzar tal-problemi mis-sors permezz, inter alia, ta' integrazzjoni aħjar tal-għanijiet għall-kapital naturali f'politiki oħra, l-iżgurar li l-politiki jkunu koerenti u li jiġu pprovduti l-kobenefiċċji. L-elementi ekoloġiċi stabbiliti fil-proposti ta' riforma, partikolarment għall-politika tal-UE dwar l-agrikoltura, is-sajd u l-koeżjoni, ***huma*** appoġġati mill-proposti għal approċċ aktar ekoloġiku għall-baġit tal-UE skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 (QFP), ***li għalhekk għandu jipprevedi baġit li jkun suffiċċjenti biex dawn jiġu appoġġati***. L-ekosistemi akkwatiċi f'żoni rurali għandhom jibbenefikaw ***mit-traspożizzjoni finali*** tal-WFD, ***meta dik id-direttiva tkun ġiet implimentata b'mod ekwivalenti fl-Istati Membri kollha***, kif stabbilit fil-proposti tal-Kummissjoni għar-riforma tal-PAK. Il-mira ta' PAK iktar ekoloġika se tippromwovi wkoll ***prattiki*** agrikoli ta' benefiċċju għall-ambjent ***f'rabta mal-pagamenti diretti u l-programmi ta' żvilupp rurali***. ***Element essenżjali f'din l-agrikoltura sostenibbli hu l-biedja fi spirtu ta' responsabilità għall-ġenerazzjonijiet futuri, li fl-istess ħin tiġfranka mill-użu tar-riżorsi u hi produttiva***.

## **Emenda 8**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness – paragrafu 19a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***19a. Il-biedja fl-Unjoni għal għexieren ta' snin ikkontribwixxiet għall-preservazzjoni tal-habitats u għad-diversità tal-uċuħ tar-raba'. F'dawk l-aħħar għexieren ta' snin, l-agrikoltura u l-forestrija Ewropej kisbu titjib konsiderevoli fil-każ tal-ellemnti kollha tal-ambjent u l-emissjonijiet kollha***

*relevanti għall-agrikoltura ta' sustanzi, f'xi każijiet permezz tal-organizzazzjoni effiċjenti tal-produzzjoni.*

## **Emenda 9** **Proposta għal deċiżjoni**

### **Anness – paragrafu 22**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

22. Id-degradazzjoni, il-frammentazzjoni u l-użu insostenibbli tal-art fl-UE qed jipperikolaw l-provvista ta' bosta servizzi ewlenin tal-ekosistema, jheddu l-bijodiversità u jżidu l-vunlerabbiltà tal-Ewropa għat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali. Qed jixprunaw ukoll id-degradazzjoni tal-ħamrija. Aktar minn 25 % tat-territorju tal-UE huwa affettwat mill-erożjoni tal-ħamrija permezz tal-ilma, li tista' tipperikola l-funzjonijiet tal-ħamrija u taffettwa l-kwalità tal-ilma ħelu. Il-kontaminazzjoni u l-impermeabbiltà tal-ħamrija huma wkoll problemi persistenti. Huwa maħsub li aktar minn nofs miljun sit madwar l-UE kollha huma kkontaminati u sakemm jiġu identifikati u vvalutati, dawn se jkomplu jirrappreżentaw riskji ambjentali u għas-saħħa potenzjalment serji. Kull sena jittieħdu aktar minn 1 000 km<sup>2</sup> ta' art għall-bini ta' djar, għall-industrija, għat-trasport jew għal finijiet ta' rikreazzjoni. Dawn il-bidliet fit-tul huma diffiċli jew jiswew ħafna flus biex jitreggħu lura, u kważi dejjem jinvolvu compromessi bejn id-diversi ħtiġijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Id-Deċiżjonijiet tal-Istati Membri tal-ippjanar li huma relatati mal-użu tal-art għandhom ikunu aktar sostenibbli.

#### *Emenda*

22. Id-degradazzjoni, il-frammentazzjoni u l-użu insostenibbli tal-art fl-UE qed jipperikolaw l-provvista ta' bosta servizzi ewlenin tal-ekosistema, jheddu l-bijodiversità u jżidu l-vunlerabbiltà tal-Ewropa għat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali. Qed jixprunaw ukoll id-degradazzjoni tal-ħamrija. Aktar minn 25 % tat-territorju tal-UE huwa affettwat mill-erożjoni tal-ħamrija permezz tal-ilma, li tista' tipperikola l-funzjonijiet tal-ħamrija u taffettwa l-kwalità tal-ilma ħelu. Il-kontaminazzjoni u l-impermeabbiltà tal-ħamrija huma wkoll problemi persistenti. Huwa maħsub li aktar minn nofs miljun sit madwar l-UE kollha huma kkontaminati u sakemm jiġu identifikati u vvalutati, dawn se jkomplu jirrappreżentaw riskji ambjentali u għas-saħħa potenzjalment serji. Kull sena jittieħdu aktar minn 1 000 km<sup>2</sup> ta' art għall-bini ta' djar, għall-industrija, għat-trasport jew għal finijiet ta' rikreazzjoni. Dawn il-bidliet fit-tul huma diffiċli jew jiswew ħafna flus biex jitreggħu lura, u kważi dejjem jinvolvu compromessi bejn id-diversi ħtiġijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Id-Deċiżjonijiet tal-Istati Membri tal-ippjanar li huma relatati mal-użu tal-art għandhom ikunu aktar sostenibbli. ***Biex tiġi ffaċċjata l-problema serja tal-issiġillar tal-ħamrija, l-Istati Membri għandhom jintalbu jieħdu passi biex inaqqsu l-użu tal-art użata u jippreservaw l-artijiet agricoli għall-produzzjoni tal-ikel, l-għalf u l-materja***

*prima rinnovabbli.*

## Emenda 10

**Proposta għal deċiżjoni  
Anness – paragrafu 22a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**22a. L-agrikoltura u l-forestrija flimkien jirrappreżentaw 78 % tal-kopertura tal-art fl-Unjoni. L-agrikoltura u l-forestrija, għalhekk, għad għandhom rwol importanti ħafna fil-preservazzjoni tar-riżorsi naturali u l-pajsaġġi kulturali bħala prekondizzjoni għal attivitajiet umani oħra fiż-żoni rurali. L-afforestazzjoni għandha rwol prinċipali fl-istabbilizzazzjoni tal-ħamrija u fl-adattament għat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, filwaqt li l-agrikoltra sostenibbli tista' tikkontribwixxi għal preservazzjoni aħjar tal-ħamrija. Fl-istess ħin, għandu jkun hemm enfasi fuq il-prattiki agrikoli integrati u innovattivi bħat-teknoloġiji ta' preċiżjoni u l-approċċi ekoloġiċi u għandha tingħata attenzjoni speċjali biex il-fertilità tal-ħamrija tiżdied permezz ta' fertilizzanti mhux kimiċi u żieda fir-rendiment sostenibbli.**

## Emenda 11

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness – paragrafu 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

23. Sabiex jitnaqqsu il-pessjonijiet l-aktar sinifikanti ikkawżati mill-bniedem fuq l-art, fuq il-ħamrija u fuq ekosistemi oħrajn fl-Ewropa, se tittieħed azzjoni li tiżgura li d-deċiżjonijiet relatati mal-użu tal-art fil-livelli rilevanti kollha jqisu b'mod xieraq

23. Sabiex jitnaqqsu il-pessjonijiet l-aktar sinifikanti ikkawżati mill-bniedem fuq l-art, fuq il-ħamrija u fuq ekosistemi oħrajn fl-Ewropa, se tittieħed azzjoni **fil-livell nazzjonali** li tiżgura li d-deċiżjonijiet relatati mal-użu tal-art fil-livelli rilevanti

kemm l-impatti ambjentali kif ukoll dawk ekonomiċi u soċjali. L-eżitu tas-Summit Rio+20 talab għal "dinja fejn id-degradazzjoni tal-art ma tibqax problema". ***L-UE u l-Istati Membri għandhom jirriflettu fuq kif tali impenn jista' jsir operazzjonali bl-aħjar mod fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u kif jindirizzaw kwistjonijiet dwar il-kwalità tal-ħamrija f'qafas legali vinkolanti. Se jkun stipulati wkoll miri għall-użu sostenibbli tal-art u tal-ħamrija.***

kollha jqisu b'mod xieraq kemm l-impatti ambjentali kif ukoll dawk ekonomiċi u soċjali. L-eżitu tas-Summit Rio+20 talab għal "dinja fejn id-degradazzjoni tal-art ma tibqax problema". ***Tali impenn jista' jiġi onorat bl-aħjar mod fl-Istati Membri.***

***Fid-dawl tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, il-kwistjonijiet dwar il-kwalità tal-ħamrija jistgħu jiġu indirizzati bl-aħjar mod fi ħdan oqsfa ġuridiċi vinkolanti fil-livell tal-Istati Membri. Se jkun stipulati wkoll miri għall-użu sostenibbli tal-art u tal-ħamrija.***

## **Emenda 12 Proposta għal deċiżjoni**

### **Anness – paragrafu 24**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

24. Għalkemm ir-rilaxxi tan-nitroġenu u tal-fosforu fl-ambjent tal-UE naqsu b' mod konsiderevoli matul dawn l-aħħar 20 sena, rilaxxi ***eċċessivi*** ta' nutrijenti għadhom jaffettwaw il-kwalità tal-arja u l-ilma u għadhom ikollhom impatt negattiv fuq l-ekosistemi, u b'hekk jikkawżaw problemi sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem. B'mod partikolari, ir-rilaxx tal-ammonju minħabba ġestjoni ***ineffċjenti*** tal-fertilizzanti u trattament ***inadegwat*** tal-ilma mormi jeħtieġ li ***jiġu indirizzati b'mod urġenti*** biex jinkiseb tnaqqis ***aktar sinifikanti*** fir-rilaxxi ta' nutrijenti. Huma meħtieġa wkoll sforzi ulterjuri biex jiġi mmaniġġjat iċ-ċiklu tan-nutrijenti b'mod iktar kosteffettiv u effiċjenti fir-riżorsi, u biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-fertilizzanti. Dan jesiġi titjib fl-

#### *Emenda*

24. Għalkemm ir-rilaxxi tan-nitroġenu u tal-fosforu fl-ambjent tal-UE naqsu b' mod konsiderevoli matul dawn l-aħħar 20 sena, rilaxxi ***sostanzjali*** ta' nutrijenti għadhom jaffettwaw il-kwalità tal-arja u l-ilma u għadhom ikollhom impatt negattiv fuq l-ekosistemi, u b'hekk jikkawżaw problemi sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem. B'mod partikolari, ir-rilaxx tal-ammonju minħabba ***proċessi naturali*** (ġestjoni tal-fertilizzanti u trattament tal-ilma mormi) jeħtieġ li ***jiġi indirizzati*** biex jinkiseb ***iktar*** tnaqqis ***sinifikanti*** fir-rilaxxi ta' nutrijenti. Huma meħtieġa wkoll sforzi ulterjuri biex jiġi mmaniġġjat iċ-ċiklu tan-nutrijenti b'mod iktar kosteffettiv u effiċjenti fir-riżorsi, u biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-fertilizzanti, ***kif ukoll biex jinholq ċiklu ta' nutrijenti sostenibbli bejn ir-***

implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, ***l-istandards isiru aktar stretti fejn*** meħtieġ u ċ-ċiklu tan-nutrijenti jiġi ttratat bħala parti minn approċċ aktar ***ħolistiku*** li jgħaqqad flimkien u jintegra l-politiki eżistenti tal-UE li għandhom rwol fit-trattament ta' rilaxxi eċċessivi ta' nutrijenti u l-ewtrofikazzjoni.

***reġjuni rurali u dawk urbani***. Dan jesiġi ***investment fir-riċerka***, titjib fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, ***aġġustament tal-istandards meta jkun*** meħtieġ u ***li*** ċ-ċiklu tan-nutrijenti jiġi ttratat bħala parti minn approċċ aktar ***olistiku*** li jgħaqqad flimkien u jintegra l-politiki eżistenti tal-UE, ***pereżempju l-Orizzont 2020***, li għandhom rwol fit-trattament ta' rilaxxi eċċessivi ta' nutrijenti u l-ewtrofikazzjoni.

Emenda 13  
**Proposta għal deċiżjoni**

**Artikolu – paragrafu 26 – subparagrafu 1 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) L-art tkun mmaniġġjata b'mod sostenibbli fl-UE, il-ħamrija tkun protetta b'mod adegwat u r-rimedjar tas-siti kkontaminati *tkun* fi stadju avanzat.

*Emenda*

(e) L-art tkun immaniġġjata b'mod sostenibbli fl-UE, il-ħamrija tkun protetta b'mod adegwat ***fl-Istati Membri*** u r-rimedjar tas-siti kkontaminati ***implimentat mill-Istati Membri jkun*** fi stadju avanzat.

Emenda 14  
**Proposta għal deċiżjoni**

**Artikolu – paragrafu 26 – subparagrafu 1 – punt g**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) Jiġu protetti l-foresti u ***s-servizzi*** pprovduti minnhom u titjeb ***ir-reżistenza*** tagħhom għat-tibdil fil-klima u għan-nirien.

*Emenda*

(g) Jiġu protetti ***u ġestiti b'mod sostenibbli*** l-foresti u ***l-għadd kbir ta' servizzi*** pprovduti minnhom u titjeb ***ir-reżiljenza*** tagħhom għat-tibdil fil-klima u għan-nirien, ***peress li l-foresti huma sors rinnovabbli importanti tal-materja prima***.

Emenda 15  
**Proposta għal deċiżjoni**

**Artikolu – paragrafu 26 – subparagrafu 1 – punt ga (ġdid)**

*(ga) Id-dakkir jinżamm f'livell għoli, jittieħdu miżuri biex tiġi appoġġata u titjeb is-saħħa tan-naħal u, meta jkun meħtieġ, jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li l-użu tal-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li ntwera minn valutazzjoni xjentifika tar-riskji li jkollhom effetti negattivi fuq il-kolonji tan-naħal ikun akkumpanjat mill-implimentazzjoni ta' miżuri tat-tnaqqis tar-riskji.*

## **Emenda 16**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness – punt 26 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

*(aa) Jittieħdu iktar passi biex jiġu salvagwardjati, promossi u appoġġjati s-setturi agrikoli li ntwera li jagħtu kontribut għall-bijodiversità, u b'mod partikolari s-settur tat-trobbija tan-naħal.*

## **Emenda 17**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Artikolu – paragrafu 26 – subparagrafu 2 – punt e**

(e) It-tisħiħ tal-isforzi sabiex tonqos l-erożjoni tal-ħamrija u tiżdied il-materja organika tal-ħamrija, jiġu rrimedjati s-siti kkontaminati u tissaħħaħ l-integrazzjoni ta' aspetti tal-użu tal-art f'teħid tad-deċiżjonijiet ikkoordinat li jinvolvi l-livelli rilevanti kollha ta' ggvernar, appoġġata minn l-adozzjoni ta' miri dwar il-ħamrija u dwar l-art bħala riżorsa u ta' għanijiet ta' ppjanar għall-ħamrija u l-art.

(e) It-tisħiħ tal-isforzi *fil-livell nazzjonali* sabiex tonqos l-erożjoni tal-ħamrija u tiżdied il-materja organika tal-ħamrija – *inter alia permezz tal-preservazzjoni u l-espansjoni ta' programmi agroambjentali provati u ttestjati fl-iżvilupp rurali taal-PAK* – jiġu rrimedjati s-siti kkontaminati u tissaħħaħ l-integrazzjoni ta' aspetti tal-użu tal-art f'teħid tad-deċiżjonijiet ikkoordinat li jinvolvi l-livelli rilevanti kollha ta' ggvernar, appoġġata minn l-adozzjoni ta'

miri dwar il-ħamrija u dwar l-art bħala riżorsa u ta' għanijiet ta' ppjanar għall-ħamrija u l-art; *iż-żieda tal-isforzi fil-livell nazzjonali biex jiġnaqqas l-ammont ta' art użata u biex jiġu protetti l-artijiet agrikoli għall-produzzjoni tal-ikel, l-għalf u l-materja prima rinovabbli.*

## Emenda 18

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu – paragrafu 26 – subparagrafu 2 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(g) L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Strateġija ġdida tal-UE dwar il-Foresti li tindirizza d-domandi u l-benefiċċji multipli relatati mal-foresti u tikkontribwixxi għal approċċ aktar strateġiku li jiproteġi u jsaħħaħ il-foresti.*

*imħassar*

## Emenda 19

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness – paragrafu 28

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

28. L-innovazzjoni biex tittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi hija meħtieġa fl-ekonomija kollha biex b'hekk tittejjeb il-kompetittività fil-kuntest ta' prezzijiet tar-riżorsi dejjem oġhla, ta' skarsezza u ta' limiti fil-provvista. Is-settur tan-negozju huwa l-katalizzatur ewlieni tal-innovazzjoni, inkluża l-ekoinnovazzjoni. Madankollu, is-swieq mhux se jipprovdu r-riżultati waħedhom. Azzjoni fil-livell tal-gvern, dak tal-Unjoni u dak tal-Istati Membri, hija essenzjali biex tipprovdi l-

28. *Ir-riċerka u* l-innovazzjoni biex tittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi hija meħtieġa fl-ekonomija kollha biex b'hekk tittejjeb il-kompetittività fil-kuntest ta' prezzijiet tar-riżorsi dejjem oġhla, ta' skarsezza u ta' limiti fil-provvista. *Tinhiġ innovazzjoni fil-konsum enerġetiku tal-makkinarju agrikolu sabiex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u jiġnaqqas l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, kif ukoll jeħtieġ li tiġi inkentivata l-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli sabiex dawn jadottaw*

aħjar kundizzjonijiet ta' qafas għall-ekoinnovazzjoni, u b'hekk jiġi stimulat l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet sostenibbli teknoloġiċi jew tan-negozju għall-isfidi ambjentali.

**metodi u teknoloġija innovattivi.** Is-settur tan-negozju huwa l-katalizzatur ewlieni tal-innovazzjoni, inkluża l-ekoinnovazzjoni. Madankollu, is-swieq mhux se jipprovdu r-riżultati waħedhom. Azzjoni fil-livell tal-gvern, dak tal-Unjoni u dak tal-Istati Membri, hija essenzjali biex tipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet ta' qafas għall-ekoinnovazzjoni, u b'hekk jiġi stimulat l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet sostenibbli teknoloġiċi jew tan-negozju għall-isfidi ambjentali.

## **Emenda 20**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness – paragrafu 30**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

30. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Pakkett tal-UE dwar il-Klima u l-Enerġija hija essenzjali sabiex jintlaħqu l-istadji ewlenin identifikati għall-2020 u biex sal-2050 tinbena ekonomija kompetittiva b'livelli baxxi ta' karbonju. Billi bħalissa l-UE qed iżżomm ir-ritmu mixtieq biex sal-2020 tnaqqas l-emissjonijiet domestiċi tal-GHG b'20 % taħt il-livelli tal-1990, li tintlaħaq il-mira ta' 20 % fl-effiċjenza enerġetika se tesiġi titjib ħafna aktar mgħaġġel fl-effiċjenza. Dan hu importanti wkoll fid-dawl ta' domanda dejjem tikber għall-enerġija ***u tad-dibattitu kontinwu dwar il-kunflitti bejn l-użu tal-art għall-ikel u għall-bijoenerġija.*** F'dan ir-rigward, id-Direttiva ġdida dwar l-Effiċjenza Enerġetika mistennija li tagħmel kontribut sinifikanti.

## **Emenda 21**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness – paragrafu 32**

##### *Emenda*

30. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Pakkett tal-UE dwar il-Klima u l-Enerġija hija essenzjali sabiex jintlaħqu l-istadji ewlenin identifikati għall-2020 u biex sal-2050 tinbena ekonomija kompetittiva b'livelli baxxi ta' karbonju. Billi bħalissa l-UE qed iżżomm ir-ritmu mixtieq biex sal-2020 tnaqqas l-emissjonijiet domestiċi tal-GHG b'20 % taħt il-livelli tal-1990, li tintlaħaq il-mira ta' 20 % fl-effiċjenza enerġetika se tesiġi titjib ħafna aktar mgħaġġel fl-effiċjenza. Dan hu importanti wkoll fid-dawl ta' domanda dejjem tikber għall-enerġija. F'dan ir-rigward, id-Direttiva ġdida dwar l-Effiċjenza Enerġetika mistennija li tagħmel kontribut sinifikanti.



*Test propost mill-Kummissjoni*

32. L-adozzjoni, min-naħa tal-industrija, tal-aqwa tekniki disponibbli skont id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali se twassal għal xejriet imtejba fl-użu tar-riżorsi u emissjonijiet imnaqqsa għal aktar minn 50 000 stallazzjoni industrijali ewlenija tal-UE; b'hekk tkun qed tagħti kontribut sinifikanti biex jiġi stimulat l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi, ikun hemm approċċ aktar ekoloġiku lejn l-ekonomija u jitnaqqsu l-ispejjeż għall-industrija aktar fit-tul.

*Emenda*

32. L-adozzjoni, min-naħa tal-industrija, tal-aqwa tekniki disponibbli skont id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali se twassal għal xejriet imtejba fl-użu tar-riżorsi u emissjonijiet imnaqqsa għal aktar minn 50 000 stallazzjoni industrijali ewlenija tal-UE; b'hekk tkun qed tagħti kontribut sinifikanti biex jiġi stimulat l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi, ikun hemm approċċ aktar ekoloġiku lejn l-ekonomija u jitnaqqsu l-ispejjeż għall-industrija aktar fit-tul. ***Fl-istess ħin, il-progress fil-qasam tar-riċerka u l-ħolqien ta' ktajjen qosra tal-provvista u ta' swieq lokali għall-prodotti agrikoli jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mit-trasport tal-ikel. Ir-rotot qosra tal-provvista jipprovdu ikel aktar frisk u tajjeb għas-saħħa.***

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness – paragrafu 35**

*Test propost mill-Kummissjoni*

35. Jiġi stabbilit qafas għal azzjoni li jtejjeb aspetti tal-effiċjenza fir-riżorsi li jmorru lil hinn mill-emissjonijiet tal-GHG u l-enerġija, jiġu stabbiliti miri biex jitnaqqas l-impatt ambjentali kumplessiv tal-konsum, b'mod partikolari ***fis-setturi*** tal-ikel, tad-djar u tal-mobbiltà. Flimkien, dawn jirrappreżentaw kważi 80 % tal-impatti ambjentali tal-konsum. L-eżitu ta' Rio+20 irrikonoxxa l-ħtieġa li jitnaqqas b'mod sinifikanti t-telf u l-ħela ta' wara l-ħsad u oħrajn mill-ikel kif ukoll l-iskart tul il-katina kollha tal-provvista tal-ikel.

*Emenda*

35. Jiġi stabbilit qafas għal azzjoni li jtejjeb aspetti tal-effiċjenza fir-riżorsi li jmorru lil hinn mill-emissjonijiet tal-GHG u l-enerġija, jiġu stabbiliti miri biex jitnaqqas l-impatt ambjentali kumplessiv tal-konsum, b'mod partikolari ***fis-settur*** tal-ikel, ***permezz ta' tnaqqis fl-iskart, u fis-setturi*** tad-djar u tal-mobbiltà. Flimkien, dawn jirrappreżentaw kważi 80 % tal-impatti ambjentali tal-konsum. L-eżitu ta' Rio+20 irrikonoxxa l-ħtieġa li jitnaqqas b'mod sinifikanti t-telf u l-ħela ta' wara l-ħsad u oħrajn mill-ikel kif ukoll l-iskart tul il-katina kollha tal-provvista tal-ikel. ***Dan jista' jinkiseb billi jitjeb il-valur marbut***

*mal-ikel u permezz tat-tqegħid fis-suq reġjonali u billi jitjiebu l-loġistika, it-trasport, il-ħżin u l-imballaġġ. Il-partijiet kollha tal-katina tal-ikel, speċjalment il-bejjiegħa u l-konsumaturi, għandhom rwol. Dan jinkludi wkoll edukazzjoni u informazzjoni għall-konsumatur fil-mira.*

## **Emenda 23** **Proposta għal deċiżjoni**

### **Anness – paragrafu 39**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

39. L-effiċjenza fir-riżorsi fis-settur tal-ilma se tiġi indirizzata wkoll bħala prijorità sabiex tgħin fil-kisba ta' status tajjeb tal-ilma. Minkejja li l-perjodi ta' nixfa u l-iskarsezza tal-ilma jaffetwaw dejjem aktar partijiet tal-Ewropa, huwa stmat li 20-40 % tal-ilma disponibbli tal-Ewropa għadu qed jinħela, pereżempju, permezz ta' tnixxijiet fis-sistema ta' distribuzzjoni. Skont l-immudellar disponibbli, għad hemm lok konsiderevoli biex tiġi mtejba l-effiċjenza fl-ilma tal-UE. Barra minn hekk, id-domanda dejjem tikber u l-impatti tat-tibdil fil-klima huma mistennija li jżidu l-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa b'mod sinifikanti. F'dan l-isfond, sal-2020 l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni sabiex jiżguraw li l-estrazzjoni tal-ilma tirrispetta l-limiti tar-riżorsi rinnovabbli tal-ilma disponibbli, inkluż billi titjeb l-effiċjenza fl-ilma permezz tal-użu ta' mekkaniżmi tas-suq bħall-ipprezzar tal-ilma li jirrifletti l-valur reali tal-ilma. Il-progress se jiġi ffaċilitat billi jiġu aċċellerati l-wiri u l-adozzjoni ta' teknoloġiji, ta' sistemi u ta' mudelli tan-negozju innovattivi msejsa fuq il-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-Ilma.

#### *Emenda*

39. L-effiċjenza fir-riżorsi fis-settur tal-ilma se tiġi indirizzata wkoll bħala prijorità sabiex tgħin fil-kisba ta' status tajjeb tal-ilma. Minkejja li l-perjodi ta' nixfa u l-iskarsezza tal-ilma jaffetwaw dejjem aktar partijiet tal-Ewropa, huwa stmat li 20-40 % tal-ilma disponibbli tal-Ewropa għadu qed jinħela, pereżempju, permezz ta' tnixxijiet fis-sistema ta' distribuzzjoni. Skont l-immudellar disponibbli, għad hemm lok konsiderevoli biex tiġi mtejba l-effiċjenza fl-ilma tal-UE. Barra minn hekk, id-domanda dejjem tikber u l-impatti tat-tibdil fil-klima huma mistennija li jżidu l-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa b'mod sinifikanti. F'dan l-isfond, sal-2020 l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni sabiex jiżguraw li l-estrazzjoni tal-ilma tirrispetta l-limiti tar-riżorsi rinnovabbli tal-ilma disponibbli, inkluż billi titjeb l-effiċjenza fl-ilma permezz tal-użu ta' mekkaniżmi tas-suq bħall-ipprezzar tal-ilma li jirrifletti l-valur reali tal-ilma. Il-progress se jiġi ffaċilitat billi jiġu aċċellerati l-wiri u l-adozzjoni ta' teknoloġiji, ta' sistemi u ta' mudelli tan-negozju innovattivi msejsa fuq il-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar l-Ilma **u fuq is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni fil-Produttività u s-**

## **Emenda 24**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Artikolu – paragrafu 41 – subparagrafu 2 – punt c**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) Tingħata spinta lill-isforzi pubbliċi u privati meħtieġa fir-riċerka u l-innovazzjoni għall-implimentazzjoni gradwali ta' teknoloġiji, sistemi u mudelli innovattivi li se jħaffu u jnaqqsu l-ispiża ta' transizzjoni lejn ekonomija b'livelli baxxi ta' karbonju u effiċjenti fir-riżorsi.

##### *Emenda*

(c) Tingħata spinta lill-isforzi pubbliċi u privati meħtieġa fir-riċerka u l-innovazzjoni għall-implimentazzjoni gradwali ta' teknoloġiji, sistemi u mudelli innovattivi li se jħaffu u jnaqqsu l-ispiża ta' transizzjoni lejn ekonomija b'livelli baxxi ta' karbonju u effiċjenti fir-riżorsi ***u li se jgħinu fit-tnaqqis tar-rimi tal-ikel fil-katina tal-ikel b'50 % sal-2025.***

## **Emenda 25**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness – paragrafu 50**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

50. It-tibdil fil-klima se jkompli jaggrava l-problemi ambjentali billi jikkawża perjodi twal ta' nixfa u sħana kbira, għargħar, maltempati u nirien forestali, u forom ġodda jew aktar virulenti ta' mard tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti. Għanda tittieħed azzjoni ddedikata sabiex jiġi żgurat li l-UE tkun ippreparata b'mod adegwat biex taffronta l-pressjonijiet u l-bidliet li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, b'hekk tissaħħaħ ir-reżistenza ambjentali, ekonomika u dik tas-soċjetà tagħha. Billi ħafna setturi huma u se jkunu dejjem aktar suġġetti għall-impatti tat-tibdil fil-klima, il-konsiderazzjonijiet ta' adattament u ta' ġestjoni tar-riskju tad-diżastru għandhom ikunu integrati aktar fil-politiki tal-UE.

##### *Emenda*

50. It-tibdil fil-klima se jkompli jaggrava l-problemi ambjentali billi jikkawża perjodi twal ta' nixfa u sħana kbira, għargħar, maltempati u nirien forestali, u forom ġodda jew aktar virulenti ta' mard tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti. Għanda tittieħed azzjoni ddedikata sabiex jiġi żgurat li l-UE tkun ippreparata b'mod adegwat biex taffronta l-pressjonijiet u l-bidliet li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, b'hekk tissaħħaħ ir-reżistenza ambjentali, ekonomika u dik tas-soċjetà tagħha. Billi ħafna setturi huma u se jkunu dejjem aktar suġġetti għall-impatti tat-tibdil fil-klima, il-konsiderazzjonijiet ta' adattament u ta' ġestjoni tar-riskju tad-diżastru għandhom ikunu integrati aktar fil-politiki tal-UE. ***Fl-istess ħin, hu importanti li n-negożjati fis-***

*setturi l-iktar milquta, bħall-bdiewa, jingħataw informazzjoni aktar eżatta dwar ir-riskji relatati mal-klima li jirriżultaw minn prattiki ħżiena, flimkien ma' soluzzjonijiet fattibbli ta' adattament.*

## **Emenda 26** **Proposta għal deċiżjoni**

### **Anness – paragrafu 62**

*Test propost mill-Kummissjoni*

62. Minbarra li tgħin l-Istati Membri jtejbu l-konformità, il-Kummissjoni se tkompli tagħmel il-parti tagħha sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tkun adattata skont l-għanijiet u tirrifletti l-aħħar xjenza. Bħala regola ġenerali, obbligi legali se jiġu inkorporati fir-Regolamenti li jkunu ċari u preċiżi biżżejjed, li għandhom effetti diretti u li jitkejlu u li jwasslu għal inqas inkonsistenzi fl-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni se żżid l-użu ta' tabelli ta' valutazzjoni u mezzi oħrajn ta' traċċar pubbliku tal-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjonijiet speċifiċi.

*Emenda*

62. Minbarra li tgħin l-Istati Membri jtejbu l-konformità, il-Kummissjoni se tkompli tagħmel il-parti tagħha sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tkun **proporzjonata**, adattata skont l-għanijiet u tirrifletti l-aħħar xjenza. Bħala regola ġenerali, obbligi legali se jiġu inkorporati fir-Regolamenti li jkunu ċari u preċiżi biżżejjed, li għandhom effetti diretti u li jitkejlu u li jwasslu għal inqas inkonsistenzi fl-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni se żżid **il-komunikazzjoni**, l-użu ta' tabelli ta' valutazzjoni u mezzi oħrajn ta' traċċar pubbliku tal-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjonijiet speċifiċi **u tal-iżgurar li l-pubbliku jkun informat dwar it-tendenzi pożittivi fir-rigward tal-protezzjoni ambjentali.**

## **Emenda 27** **Proposta għal deċiżjoni**

### **Anness – paragrafu 63 – subparagrafu 2 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ea) Jiġu żviluppata strateġiji ta' kooperazzjoni fost id-diversi protagonisti fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent u tal-preservazzjoni tan-natura u tiġi żviluppata komunikazzjoni iktar wiesgħa dwar prattiki provati u ttestjati.**

**Emenda 28**  
**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness – paragrafu 63 – subparagrafu 2 – punt eb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(eb) Isiru valutazzjonijiet regolari tal-liġi eżistenti, biex ikun żgurat li l-miżuri dwar il-leġiżlazzjoni ambjentali jkunu proporzjonati, fattibbli u mmirati sew.*

**Emenda 29**  
**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness – paragrafu 71 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) Jiġu kkomunikati u mxerrda l-iżviluppi u t-tendenzi pożittivi fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent.*

**Emenda 30**  
**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness – paragrafu 75**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

75. Is-settur privat għandu jitħeġġeġ ukoll biex jaħtaf l-opportunitajiet offruti fil-qafas finanzjarju l-ġdid tal-UE sabiex iżidu l-involviment tagħhom fl-isforzi għall-ksib tal-għanijiet ambjentali u tal-klima, speċjalment fir-rigward ta' attivitajiet ta' ekoinnovazzjoni u tal-adozzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda, b'iffukar partikolari fuq l-SMEs. L-inizjattivi pubbliċi-privati għall-ekoinnovazzjoni għandhom jiġu promossi bis-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni, b'has-Sħubija *għall-innovazzjoni* dwar l-Ilma. Permezz tal-qafas ġdid għall-Istrumenti Finanzjarji Innovattivi, l-aċċess mis-settur privat għall

75. Is-settur privat għandu jitħeġġeġ ukoll biex jaħtaf l-opportunitajiet offruti fil-qafas finanzjarju l-ġdid tal-UE sabiex iżidu l-involviment tagħhom fl-isforzi għall-ksib tal-għanijiet ambjentali u tal-klima, speċjalment fir-rigward ta' attivitajiet ta' ekoinnovazzjoni u tal-adozzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda, b'iffukar partikolari fuq l-SMEs. L-inizjattivi pubbliċi-privati għall-ekoinnovazzjoni għandhom jiġu promossi bis-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni, b'has-Sħubija *għall-Innovazzjoni* dwar l-Ilma **u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni fil-Produttività u s-Sostenibilità Agrikoli**

finanzjament ta' investimenti fl-ambjent – partikolarment il-bijodiversità u t-tibdil fil-klima – għandu jkun iffaċilitat. L-intrapriżi Ewropej għandhom jiġu mħeġġa aktar biex jipubblikaw informazzjoni ambjentali bħala parti mir-rapportar finanzjarju tagħhom, lil hinn mil-livell meħtieġ skont il-leġislazzjoni eżistenti tal-UE.

***previsti fil-proposti għar-riforma tal-PAK.*** Permezz tal-qafas ġdid għall-Istrumenti Finanzjarji Innovattivi, l-aċċess mis-settur privat għal finanzjament ta' investimenti fl-ambjent – partikolarment il-bijodiversità, it-tibdil fil-klima ***u l-protezzjoni tal-ħamrija*** – għandu jkun iffaċilitat. L-intrapriżi Ewropej għandhom jiġu mħeġġa aktar biex jipubblikaw informazzjoni ambjentali bħala parti mir-rapportar finanzjarju tagħhom, lil hinn mil-livell meħtieġ skont il-leġislazzjoni eżistenti tal-UE.

### Emenda 31

#### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu – paragrafu 82 – subparagrafu 2 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ***L-eliminazzjoni progressiva ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent***, jiżdied l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq, inkluża t-tassazzjoni, l-ipprezzar u tariffi, u l-espansjoni tas-swieq għal prodotti u servizzi ambjentali, b'konsiderazzjoni xierqa ta' kwalunkwe impatt soċjali negattiv.

##### *Emenda*

(a) ***Rabta aħjar bejn is-sussidji agrikoli u l-forniment tal-beni pubbliċi***, jiżdied l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq, inkluża t-tassazzjoni, l-ipprezzar u tariffi, u l-espansjoni tas-swieq għal prodotti u servizzi ambjentali, b'konsiderazzjoni xierqa ta' kwalunkwe impatt soċjali negattiv.

### Emenda 32

#### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu – paragrafu 82 – subparagrafu 2 – punt e

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) L-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' sistema ta' rapportar u traċċar tan-nefqa relatata mal-ambjent fil-baġit tal-UE, partikolarment dik fuq it-tibdil fil-klima u l-biodiversità, sal-2014.

##### *Emenda*

(e) L-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' sistema ta' ***valutar***, rapportar u traċċar tan-nefqa relatata mal-ambjent fil-baġit tal-UE, partikolarment dik fuq it-tibdil fil-klima u l-biodiversità, sal-2014.

## Emenda 33 Proposta għal deċiżjoni

### Anness – paragrafu 83

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

83. Għalkemm l-integrazzjoni tat-tħassib dwar il-protezzjoni ambjentali f'politiki u attivitajiet oħrajn tal-UE ilha rewżit tat-Trattat sa mill-1997, l-istat ġenerali tal-ambjent tal-Ewropa jindika li l-progress sal-lum, filwaqt li, f'xi oqsma, huwa ta' min ifaħħru, dan ma kienx biżżejjed biex jitreġġgħu lura x-xejriet negattivi kollha. Il-kisba ta' bosta għanijiet prijoritarji ta' dan il-programm se tesiġi integrazzjoni saħansitra aktar effettiva tal-konsiderazzjonijiet ambjentali u dawk dwar il-klima f'politiki oħra, kif ukoll approċċi aktar koerenti, konġunti li jwasslu għal benefiċċji multipli. Dan għandu jgħin biex jiġi żgurat li kompromessi diffiċli jkunu mmaniġġjati fi stadju bikri, minflok fil-fażi tal-implimentazzjoni, u li l-impatti inevitabbli jkunu jistgħu jiġu mnaqssa b'mod aktar effettiv. Id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika u d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, meta jiġu applikati kif suppost, huma għodod effettivi biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali huma integrati fi pjanijiet u programmi kif ukoll fi proġetti. L-awtoritajiet lokali u reġjonali, li huma ġeneralment responsabbli għal deċiżjonijiet dwar l-użu tal-art u taż-żoni tal-baħar, għandhom rwol partikolarment importanti fil-valutazzjoni tal-impatti ambjentali u l-protezzjoni, il-perservazzjoni u t-tiżni tal-kapital naturali, sabiex tinkiseb reżistenza akbar għall-impatti tat-tibdil fil-klima u għad-diżastri naturali.

#### *Emenda*

83. Għalkemm l-integrazzjoni tat-tħassib dwar il-protezzjoni ambjentali f'politiki u attivitajiet oħrajn tal-UE ilha rewżit tat-Trattat sa mill-1997, l-istat ġenerali tal-ambjent tal-Ewropa jindika li l-progress sal-lum, filwaqt li, f'xi oqsma, huwa ta' min ifaħħru, dan ma kienx biżżejjed biex jitreġġgħu lura x-xejriet negattivi kollha. Il-kisba ta' bosta għanijiet prijoritarji ta' dan il-programm se tesiġi integrazzjoni saħansitra aktar effettiva tal-konsiderazzjonijiet ambjentali u dawk dwar il-klima f'politiki oħra, kif ukoll approċċi *politiċi* aktar koerenti, konġunti ***u sistematiċi*** li jwasslu għal benefiċċji multipli. Dan għandu jgħin biex jiġi żgurat li kompromessi diffiċli jkunu mmaniġġjati fi stadju bikri, minflok fil-fażi tal-implimentazzjoni, u li l-impatti inevitabbli jkunu jistgħu jiġu mnaqssa b'mod aktar effettiv. Id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika u d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, meta jiġu applikati kif suppost, huma għodod effettivi biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali huma integrati fi pjanijiet u programmi kif ukoll fi proġetti. L-awtoritajiet lokali u reġjonali, li huma ġeneralment responsabbli għal deċiżjonijiet dwar l-użu tal-art u taż-żoni tal-baħar, għandhom rwol partikolarment importanti fil-valutazzjoni tal-impatti ambjentali u l-protezzjoni, il-perservazzjoni u t-tiżni tal-kapital naturali, sabiex tinkiseb reżistenza akbar għall-impatti tat-tibdil fil-klima u għad-diżastri naturali.

## **Emenda 34**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness – paragrafu 85**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

85. Dan il-programm jinkludi għadd ta' għanijiet prijoritarji mfassla biex itejbu l-integrazzjoni. Fil-proposti tagħha għall-PAK, il-PAK, in-Netwerks Trans-Ewropej (TENS) u r-riformi tal-politika ta' Koeżjoni, il-Kummissjoni inkludiet miżuri li jappoġġaw aktar l-integrazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali. Sabiex jirnexxi dan il-programm, dawn il-politiki għandhom jikkontribwixxu aktar għall-ksib tal-miri u l-għanijiet relatati mal-ambjent. Bl-istess mod, l-isforzi primarjament maħsuba biex jinkiseb it-titjib ambjentali għandhom ikunu mfassla sabiex iwasslu għal kobenefiċċji għal politiki oħra kull meta jkun possibbli. Pereżempju, l-isforzi biex jiġu restawrati l-ekosistemi jistgħu jkunu mmirati biex jiffavorixxu l-ħabitats u l-ispeċijiet u biex jiġi sekwestrat id-dijossidu tal-karbonju, filwaqt li jittejjeb il-forniment ta' servizzi tal-ekosistemi vitali għal ħafna setturi ekonomiċi, bħall-pollinazzjoni jew il-purifikazzjoni tal-ilma għall-agrikoltura, u jinħolqu impjiegi ekoloġiċi.

## **Emenda 35**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Artikolu – paragrafu 86 – subparagrafu 2 – punt a**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-integrazzjoni ta' kundizzjonalitajiet u inċentivi ambjentali u dawk relatati mal-klima f'inizjattivi ta' politika, inklużi analiżi u riformi tal-politika eżistenti, kif ukoll inizjattivi ġodda, fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri;

##### *Emenda*

85. Dan il-programm jinkludi għadd ta' għanijiet prijoritarji mfassla biex itejbu **iktar** l-integrazzjoni. Fil-proposti tagħha għall-PAK, il-PAK, in-Netwerks Trans-Ewropej (TENS) u r-riformi tal-politika ta' Koeżjoni, il-Kummissjoni inkludiet miżuri li jappoġġaw aktar l-integrazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali. Sabiex jirnexxi dan il-programm, dawn il-politiki għandhom **anke** jikkontribwixxu aktar għall-ksib tal-miri u l-għanijiet relatati mal-ambjent. Bl-istess mod, l-isforzi primarjament maħsuba biex jinkiseb it-titjib ambjentali għandhom ikunu mfassla sabiex iwasslu għal kobenefiċċji għal politiki oħra kull meta jkun possibbli. Pereżempju, l-isforzi biex jiġu restawrati l-ekosistemi jistgħu jkunu mmirati biex jiffavorixxu l-ħabitats u l-ispeċijiet u biex jiġi sekwestrat id-dijossidu tal-karbonju, filwaqt li jittejjeb il-forniment ta' servizzi tal-ekosistemi vitali għal ħafna setturi ekonomiċi, bħall-pollinazzjoni jew il-purifikazzjoni tal-ilma għall-agrikoltura, u jinħolqu impjiegi ekoloġiċi.

##### *Emenda*

(a) l-integrazzjoni **ulterjuri** ta' kundizzjonalitajiet u inċentivi ambjentali u dawk relatati mal-klima f'inizjattivi ta' politika, inklużi analiżi u riformi tal-politika eżistenti, kif ukoll inizjattivi ġodda, fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri;



**Emenda 36**  
**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness – paragrafu 87**

*Test propost mill-Kummissjoni*

87. L-UE għandha densità għolja tal-popolazzjoni u sal-2020, 80 % tal-popolazzjoni tal-UE x'aktarx se tgħix f'żoni urbani u periurbani. Il-kwalità tal-ħajja se tkun influwenzata direttament mill-istat tal-ambjent urban. L-impatti ambjentali tal-ibliet jinfirxu wkoll lil hinn ferm mil-limiti fiżiċi tagħhom, billi dawn jiddependu ħafna fuq reġjuni periurbani u rurali biex jissodisfaw id-domanda għall-ikel, l-enerġija, l-ispazju u r-riżorsi, u biex jakkomodaw l-iskart.

*Emenda*

87. L-UE għandha densità għolja tal-popolazzjoni u sal-2020, 80 % tal-popolazzjoni tal-UE x'aktarx se tgħix f'żoni urbani u periurbani. Il-kwalità tal-ħajja se tkun influwenzata direttament mill-istat tal-ambjent urban. L-impatti ambjentali tal-ibliet jinfirxu wkoll lil hinn ferm mil-limiti fiżiċi tagħhom, billi dawn jiddependu ħafna fuq reġjuni periurbani u rurali biex jissodisfaw id-domanda għall-ikel, l-enerġija, l-ispazju u r-riżorsi, u biex jakkomodaw l-iskart. ***Għalhekk, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-promozzjoni taż-żoni rurali u l-ħolqien tal-impjiegi fis-settur rurali.***

**Emenda 37**  
**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness – paragrafu 89a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***89a. Il-politika tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-ikel għandha tkun ibbażata fuq l-agrikoltura sostenibbli u l-kummerċ ġust. It-tibdil fil-klima qed iġib pressjoni fuq ir-riżorsi naturali, partikolarment peress li jeħtieġ li jiġu provduti kwantitajiet suffiċjenti ta' ikel għal popolazzjoni dinjija li qed tikber b'tendenzi ta' konsum li qed jinbidlu. L-importazzjonijiet ta' proteini minn pajjiżi terzi fejn l-istandard ta' protezzjoni tal-ambjent hu inadegwat jistgħu jitnaqqsu permezz tal-kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba tal-proteini fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-Unjoni għandha obbligu li titlob, bilateralment u multilateralment, miżuri***

*regolatorji adegwati ta' protezzjoni  
ambjentali fir-reġjuni kkonċernati, li  
minnhom jorġu tali riskji.*

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna"
<b>Referenzi</b>	COM(2012)0710 – C7-0392/2012 – 2012/0337(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 10.12.2012
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 10.12.2012
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Daciana Octavia Sârbu 6.2.2013
<b>Eżami fil-kumitat</b>	4.3.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.3.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 32 –: 0 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eric Andrieu, José Bové, Luis Manuel Capoulas Santos, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Hynek Fajmon, Mariya Gabriel, Iratxe García Pérez, Julie Girling, Martin Häusling, Peter Jahr, Elisabeth Jeggle, Jarosław Kalinowski, Elisabeth Köstinger, George Lyon, Rareş-Lucian Niculescu, Wojciech Michał Olejniczak, Marit Paulsen, Britta Reimers, Ulrike Rodust, Alfreds Rubiks, Giancarlo Scottà, Czesław Adam Siekierski, Sergio Paolo Francesco Silvestris, Csaba Sándor Tabajdi, Marc Tarabella, Janusz Wojciechowski
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	María Auxiliadora Correa Zamora, Spyros Danellis, Jean-Paul Gauzès, Christa Kläß, Astrid Lulling, Jacek Włosowicz, Milan Zver